FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 17 TA' MARZU 2016

Il-Pulizija

(Spettur Robert Vella)

vs

Michael Theuma

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat talli:

ghal habta tal-5.00 ta' filghaxija ta' nhar 16 ta' Mejju 2010 waqt li partita futbol bejn Qrendi u Kirkop li ntlaghbet gewwa ic-Centenary Stadium li jinsab gewwa Ta' Qali limiti ta' Attard -

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Saviour Sacco, jew gablu disordni f'mohhu, liema hsara setghat iggib perikolu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghobq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz skond ma iccertifika Dr.A.Micallef MD (Reg.no 3005) mill-isptar Mater Dei, Msida - bi ksur ta' l-Artikolu 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Dawn l-proceduri kontra l-imputat ittiehdu minhabba incident li sehh waqt loghbha futbol bejn il-Qrendi u Hal-Kirkop fid-data, hin u lok kif indikati fl-akkuza. L-imputat huwa akkuzat taht l-Artikolu 214 u 216 tal-Kap 9, cioe' li ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq certu Saviour Sacco, liema griehi kienu ristretti ghall-ghajn tax-xellug kif muri f'tlett ritratti li jinsabu esebiti a folio 28.

Illi m'hemmx konteztazzjoni dwar li l-gerha sofferta mill-imsemmi Sacco fuq ghajnu l-eminija giet ikkagunata mill-imputat; lanqas ma'qieghed jigi kkontestat li saret fil-kors tal-lobgha bejn Qrendi u Hal Kirkop fil-gurnata, hin u lok indikati.

Dwar id-dinamika taghha xehdu diversi persuni fosthom ir-referee u wiehed mill-assistenti tieghu. S'intendi xehed wkoll dwar dan il-parti leza.

Qabel xejn pero' il-Qorti trid tara jekk dak li soffriet il-parti leza hiex klassifikabbli offiza ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216. Minn dan l-aspett l-offiz xehed, mhux kontradett, li l-ferita impeditlu li jmur ghax-xoghol tieghu ghal tal-anqas tletin gurnata. Altrimenti, ma rrizultax li sofra xi sfregju jew mankament jew li l-ferita kienet tikkoncerna xi kavita' tal-gisem.

Intant, f'ghajnejn il-ligi sabiex jirrizulta r-reat ta' offiza ta' natura gravi, irid jirrisulta mill-provi u ghas-sodissfazzjon tal-Qorti, li l-imputat ried jaghmel xi hsara (anke jekk zghira) fil-persuna jew fis-sahha tal-parti leza; inkella, jekk ma rieitix taghmillu hsara, ipprevediet l-possibilita' li setghet tikkagunalu din il-hsara. Jigifieri, ikun l-imputat naqas li jipprevedi dak li kien prevedibbli.

Fil-kaz in disamina, trattasi ta' partita futbol, fejn id-dahliet, xi kultant anke goffi, huma frekwenti, huma ferm difficili tistabilixxi l-volontarjeta' jekk mhux ukoll il-prevedibbilita'. Ma rrizultax, per ezempju , li l-imputat u l-parti leza kienu gja jafu lil xulxin; lanqas li kien hemm xi okkazzjoni qabel li kienu tlewmu jew anke li precedenti ghall-incident 'de quo' kien hemm xi argument bejniethom.

Ghaldaqstant, taqta u tiddeciedi, billi ma ssibx l-imputat hati u tilliberah.

A.M. Trigona

Magistrat